



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.3.2006
KUMM(2006) 110 finali

2003/0218 (CNS)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) 1030/2002 li jistabbilixxi format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi

(preżentat mill-Kummissjoni b'mod konformi ma' l-Artikolu 250 (2) tat-Trattat KE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. DAĦLA

Wara l-Kunsill Ewropew ta' Tessalonika tad-19/20 Ġunju 2003, fejn ġie kkonfermat li "hemm bżonn ta' strateġija koerenti fl-UE dwar identifikaturi bijometriċi jew data bijometrika li tista' tirriżulta f'soluzzjonijiet armonizzati għal dokumenti għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-passaporti ta' ċittadini ta' l-UE u s-sistemi ta' informazzjoni (VIS u SIS II)", fl-24 ta' Settembru 2003 il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti li jemendaw il-format uniformi għall-viżi u l-permess ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Bil-ħolqien ta' dawn il-proposti, il-Kummissjoni kellha żewġ għanijiet:

- biex tressaq 'il quddiem id-data finali għall-implimentazzjoni tar-ritratt mill-2007 għall-2005 u fl-istess ħin,
- teħtieġ li l-Istati Membri jintegraw żewġ identifikaturi bijometriċi mandatarji, ix-xbieha tal-wiċċ u żewġ marki tas-swaba' f'format interoperabbli fil-viża u l-permess ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod armonizzat, u b'hekk tkun assigurata l-interoperabbiltà.

Fl-għażla ta' l-identifikaturi bijometriċi l-aktar xierqa, ġew ikkunsidrati r-riżultati tax-xogħol ta' l-ICAO (l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili), li tinstab fuq quddiemnett fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali f'dan ir-rigward, u ta' l-istudju ta' vijabilità dwar is-sistema ta' informazzjoni tal-viża (VIS).

Kien hemm kunsens qawwi dwar l-identifikaturi bijometriċi u l-istrateġija proposta mill-Kummissjoni u – kif ġie mitlub mill-Kunsill Ewropew fi Brussell fis-16/17 ta' Ottubru 2003 – intlaħaq ftehim politiku fil-Kunsill (JAI) fis-27 ta' Novembru 2003. Imma l-proposti ma setgħux jiġu adottati peress illi l-Parlament Ewropew kien għadu ma tax l-opinjoni tiegħu. Sabiex tingħata xhieda tal-ftehim politiku li kien intlaħaq, il-Kunsill adotatta konklużjonijiet li jilqgħu wkoll għall-ħtieġa biex tkun ippreżentata t-tieni proposta li temenda l-Istruzzjoni Konsulari Komuni bil-għan li jinħoloq l-obbligu biex il-marki tas-swaba' jiġu rreġistrati u li jkunu speċifikati l-eċċezzjonijiet potenzjali u li jistiednu lill-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' "l-Artikolu 6 tal-Kumitat" li nħoloq mir-Regolament 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża li tibda' taħdem fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-bijometrika fiż-żewġ dokumenti għall-possibbiltà ta' l-eżekuzzjoni tar-Regolament.

Ix-xogħol tal-kumitat tekniku rriżulta fil-konklużjoni li, f'dan l-istadju, m'huwiex teknikament vijabbli li l-bijometrija tkun integrata fit-tikketta tal-viża li teħel, u l-verżjoni tattiketta li teħel tal-permess ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-verżjoni *sticker*, kif ġie ddikjarat fl-abbozz tar-Regolament (il-problemi ta' durabilità taċ-ċippa, u r-riskji ta' interferenza bejn diversi ċippi f'passaport wieħed).

Bħala konsegwenza, fl-24 ta' Frar 2005, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex temenda l-proposta tagħha għar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1030/2002 li jistabbilixxi format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biex ikun ikkunsidrat il-kunsens li kien intlaħaq mill-Kunsill dwar l-inkorporazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi fil-permessi ta' residenza f'forma ta' tessera separata fi żmien 24 xahar, u biex tkun ikkunsidrata wkoll ix-xewqa tal-Kunsill li jtemm l-użu ta' permessi ta' residenza forma ta' *stickers*.

F'dan il-kuntest, id-delegazzjoni Estonjana ressqet din id-dikjarazzjoni li ġejja fil-Kunsill:

“Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li għandhom jitqiesu l-iżviluppi nazzjonali attwali fir-rigward ta' l-awtentikazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni, il-firma diġitali u s-servizzi ta' *e-Government* għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jgħixu legalment fit-territorju ta' xi Stat Membru.

Waqf li ssir l-abbozz għal emenda tal-proposta għal Regolament, tinqala' l-kwistjoni dwar kif għandu jitqies it-tħassib Estonjan. L-użu ta' teknoloġiji ġodda bħal m'huma l-*e government*, il-firma diġitali eċċ u r-raġunament ta' l-Estonja li tixtieq li ċ-ċittadini tagħha u r-residenti ta' pajjiżi terzi b'mod ugwali jkollhom l-istess opportunità għall-aċċess għas-servizzi elettroniċi permezz ta' karti ta' identità u permessi ta' residenza, għandhom, fil-prinċipju, jiġu appoġġjati jekk ma jeżistux ostakli kbar. Għalhekk, ġie mdaħħal fl-Anness “punt 16” ġdid li jippermetti lill-Istati Membri jinkorporaw fil-permess ta' residenza ċippa ta' kuntatt li jistgħu jużaw għal għanijiet li jaqblu mar-regoli ta' protezzjoni ta' *data* rilevanti.

L-inkorporazzjoni ta' din iċ-ċippa ta' kuntatt m'għandhiex tkun mandatarja għall-Istati Membri u m'għandhiex tfixxkel l-uniformità tal-format, peress illi diġa bħalissa r-Regolament (KE) 1030/2002 joffri l-possibbiltà li jinħarġu verżjonijiet differenti ta' karti (karti magħmula kompletament mill-plastika, karti inkorporati fil-formati ID1 u ID2). Iċ-ċippa tiddaħħal fi ispazju apposta stipulat mill-emenda għar-Regolament. Il-format uniformi huwa emendat għal dan l-għan.

B'hekk, l-abbozz il-ġdid ta' l-emenda jinkludi prototip ġdid ta' permess ta' residenza uniformi li jinkludi kaxxa fl-eventwalità ta' inkorporazzjoni ta' ċippa ta' kuntatt; l-Anness jirreferi għal din il-kaxxa (Nru. 16).

Fl-istess ħin, il-proposta nġiebet konformi mar-Regolament (KE) 2252/2004 fir-rigward tal-karatteristiċi komuni ta' sigurtà u l-bijometrija għall-passaporti u dokumenti oħra li nħarġu mill-Istati Membri fejn għandhom x'jaqsmu t-tibdiliet li ġew adottati fuq talba tal-grupp ta' ħidma ta' l-Artikolu 29. B'mod partikolari, ġie stabbilit b'mod ċar li d-*data* memorizzata fiċ-ċippa tista' tintuża biss għall-verifikazzjoni ta' l-awtentiċità tad-dokument u l-identità tal-persuna intitolata għal dan id-dokument.

Fil-laqgħa tal-Kumitat Strateġiku tal-21/22 ta' Ġunju 2005 fil-Lussemburgu, kienet ittiegħdet deċiżjoni li għalissa, l-ebda soluzzjoni addizzjonali m'għandha tiġi adottata għall-integrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi fuq il-viża *sticker*, jew fuq *smart card* separata. L-identifikaturi bijometriċi għandhom ikunu memorizzati biss fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Viża.

Peress li bħalissa l-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri qed jantiċipaw l-integrazzjoni tar-ritratt fil-viża *sticker* sa' l-aħħar ta' l-2005, iż-żewġ għanijiet tal-proposta tal-Kummissjoni li jemendaw ir-Regolament (KE) 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għal viża għandhom jiġu ssostitwiti.

Għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (KE) 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għall-viżi għandha tiġi ritirata.

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) 1030/2002 li jistabbilixxi format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 63 (3) a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²,

Billi:

- (1) It-Trattat ta' Amsterdam jimmira li **jwaqqaf** b'mod progressiv żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u jagħti **d**-dritt ta' inizzjattiva lill-Kummissjoni sabiex din tadotta miżuri rilevanti dwar politika ta' immigrazzjoni armonizzata.
- (2) Huwa essenzjali li l-format uniformi għal permessi ta' residenza jkollhom it-tagħrif kollu neċessarju u jilħqu standards tekniċi għoljin ħafna, b'mod partikolari fir-rigward tas-salvagwardji kontra l-kontrafazzjoni u l-falsifikazzjoni; dan jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u r-residenza illegali. Il-mudell uniformi għandu jkun adattat ukoll għall-użu mill-Istati Membri kollha.
- (3) L-integrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi hija pass importanti lejn l-użu ta' elementi ġodda, li jwaqqfu rabta aktar soda bejn il-permess ta' residenza u l-persuna li jkollha dan il-permess, u b'dan il-mod jingħata kontribut importanti biex jiġi żgurat li l-permess ikun protett kontra użu falz. L-ispeċifikazzjonijiet imfassla fid-dokument Nru 9303 ta' l-ICAO fuq viżi li jistgħu jinqraw b'mezzi ottiċi. għandhom jitqiesu.
- (4) **L-użu ta' teknoloġiji ġodda bħal m'huma l-e-government u l-firma diġitali għal aċċess ta' servizzi telematiċi għandu jkun iffaċilitat billi jkun possibbli għall-Istati Membri jagħmlu użu għal dan l-iskop minn mezz ta' memorizzazzjoni addizzjonali biex jiddaħħlu fil-permessi ta' residenza.**
- (5) ~~(4)~~-Dan ir-Regolament jistabbilixxi biss speċifikazzjonijiet li mhumiex sigrieti; jeħtieġ li dawn is-speċifikazzjonijiet ikunu supplimentati minn aktar speċifikazzjonijiet li **jistgħu** jibqgħu sigrieti sabiex jiġu evitati l-kontrafazzjoni u l-falsifikazzjoni u li ma

¹ ĠU C , , p . .

² ĠU C , , p . .

jistgħux jinkludu *data* personali jew referenzi għal *data* personali. Is-setgħa li jkunu adottati speċifikazzjonijiet supplimentari bħal dawn għandha tingħata lill-Kummissjoni, li għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-vizi³.

(6) ~~(5)~~ Fir-rigward tad-*data* personali li għandha tiġi pproċessata fil-kuntest tal-format uniformi għall-permessi ta' residenza, tapplika d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 1-24.10.1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fejn jidħol l-ipproċessar ta' *data* personali u l-moviment ħieles ta' *data* bħal din⁴ Għandu jkun żgurat illi ma jiġix memorizzati aktar tagħrif dwar il-format uniformi għall-permessi ta' residenza sakemm mhux previst fir-regolament fl-anness tiegħu, jew sakemm mhux imsemmi fid-dokument rilevanti ta' l-ivjaġġar.

(7) ~~(6)~~ Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq għal kisba ta' l-għan bażiku li jiġu introdotti identifikaturi bijometriċi interoperabbli sabiex jistabbilixxu regoli għall-Istati Membri kollha li jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Schengen. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hemm bżonn sabiex jintlaħqu l-għanjiet segwiti skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat.

(8) ~~(7)~~ Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix ~~tiegħu~~ ~~sehem~~ **tipparteċipa** fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u **għalhekk** mhijiex marbuta minnu jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Minħabba l-fatt li dan ir-Regolament ~~jiġi~~ **jimmira biex jiġni** fuq l-*acquis* ta' Schengen skond id-dispożizzjonijiet **tat-tielet parti tat-Titolu IV** ~~tat-Tielet Parti~~ tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka, skond l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Protokoll, **għandha** tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta dan ir-Regolament, jekk hijiex ser ~~implimentah~~ **tittrasponih fil-**liġi nazzjonali tagħha.

(9) ~~(8)~~ Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament huwa żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fl-ambitu tat-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u mar-Repubblika ta' l-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati biex ikun implimentat, applikat u żviluppat l-*acquis* ta' Schengen, fl-ambitu li hemm referenza għalih fl-Artikolu 1, il-punt B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.⁵

(10) **Fir-rigward ta' l-Iżvizzera, dan ir-Regolament huwa żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fl-ambitu tat-tifsira tal-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 4(1) tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim,**

³ ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1. Regolament kif ġie emendat minn Regolament li jemenda r-Regolament 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għal viża.

⁴ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

⁵ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

(11)(9) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq *l-acquis* ta' Schengen jew inkella huwa relatat miegħu mod ieħor fl-ambitu tat-tifisra ta' l-Artikolu 3(1) ta' l-Att dwar l-Adeżjoni.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1030/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1 (1), it-tieni sentenza tinbidel b'dan li ġej:

“Il-permess ta’ residenza għandu jinħareġ biss bħala dokument separat fil-format ta’ ID 1 jew ID 2.”

(2) (1) L-Artikolu 2 (1), dawn il-punti li ġejjin d) u e) huma miżjuda:

“d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-mezz ta' memorizzazzjoni tal-**karatteristiċi** bijometriċi ta' għarf-u u għas-**sigurtà ta' għom, inkluża l-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat** is-sigurtà tiegħu;

e) il-ħtiġiet għall-kwalità **tax-xbieha tal-wiċċ u l-istandards komuni ta' għom u x-xbihat tal-marki tas-swaba.**”

3) Fl-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Skond il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 7 (2), jista’ jiġi deċiż li l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2 għandhom ikunu sigrieti u ma jkunux ippubblikati. F’dak il-każ, dawn għandhom ikunu disponibbli biss għall-korpi nominati mill-Istati Membri bħala l-korpi responsabbli għall-istampar u għal dawk il-persuni awtorizzati mill-Istat Membru jew mill-Kummissjoni.”

(4) (2) Fl-Artikolu 4, it-tieni subparagrafu għandu jkun sostitwit minn dan li ġej:

“L-ebda informazzjoni fuq **f**forma li tista’ tingħar b’mezzi ottiċi m’għandha tiġi inkluża **fil-mezz ta’ memorizzazzjoni tal-permess ta’ residenza li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 4a**, sakemm dan ma jkunx stipulat f’dan ir-Regolament, **jew** fl-Anness tiegħu jew sakemm ma jkunx imsemmi fid-dokument ta’ l-ivjaġġar **relat** rilevanti – **mill-Istat tal-ħruġ skond il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu. Fil-permess ta’ residenza l-Istati Membri jistgħu jinkludu ċippa ta’ kuntatt żejda kif stipulat fil-Parti 16 ta’ l-anness ta’ dan ir-Regolament għal servizzi telematiċi bħal mhu l-e government u l-e business**”

Għall-għanijiet ta’ dan ir-Regolament, il-karatteristiċi bijometriċi fil-permessi ta’ residenza għandhom jintużaw biss għall-verifikazzjoni ta’:

(a) l-awtentiċità tad-dokument;

(b) l-identità tal-persuna intitolata għal dan id-dokument permezz ta’ karatteristiċi komparabbli li huma direttament disponibbli meta l-liġi tenħtieġ il-permess ta’ residenza.”

(5) ~~(3)~~ L-Artikolu 4a li ġej huwa miżjud:

“Artikolu 4a

~~‘Il-format uniformi għal permessi ta’ residenza għandu ikollu~~ **jinkludi mezz ta’ memorizzazzjoni li jinkludi** xbieha tal-wiċċ, ~~which shall function as interoperable biometric identifier and two fingerprint images of the holder. The fingerprint images are taken from flat fingers.~~ **L-Istati Membri għandhom jinkludu wkoll il-marki ta’ swabi f’format interoperabbli. Id-data għandha tkun assigurata u l-mezz ta’ memorizzazzjoni għandu jkun ta’ daqs u kapaċità suffiċjenti biex jiggwarantixxi l-integrità, l-awtenticià u l-kunfidenzjalità tad-data.”**

~~The biometric information shall be kept on a storage medium which shall be highly secured and which shall have sufficient capacity.”~~

(6) ~~(4)~~ **Fit-tielet subparagrafu ta’ l-Artikolu 9, it-tielet paragrafu** huwa sostitwit b’dan li ġej:

~~‘L-integrazzjoni tar-ritratt stipulat fil-punt 14 ta’ l-Anness għandha tkun implimentata mhux aktar tard mill-30 ta’ Awissu 2006 14 ta’ Awissu 2005. Il-memorizzazzjoni tax-xbieha tal-wiċċ bħala identifikatur bijometriku prinċipali għandha titwettaq fi żmien sentejn, u l-memorizzazzjoni taż-żewġ xbihat ta’ marki tas-swaba’ fi żmien tliet snin mill-adozzjoni tal-miżuri tekniċi rispettivi stipulati fl-Artikolu 2 (1) d) u e).’~~

Għal perjodu tranżitorju ta’ sentejn wara l-adozzjoni ta’ l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fit-tielet paragrafu ta’ l-Artikolu 9 il-permess ta’ residenza jista’ jkompli jinħareġ bħala tiketta li teħel.’

L-Anness huwa emendat skond l-Anness ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ **fl-għoxrin** ~~20th~~ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
The President*

ANNEX

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Punt (a) huwa emendat kif ġej:

(1) L-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:



“(a) Deskrizzjoni

Il-permess ta' residenza għandu jinħareġ bħala dokument separat fil-format ta' ID 1 jew ID 2. Dan għandu jkun ibbażat fuq is-speċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokumenti ta' l-ICAO dwar viżi li jistgħu jinqraw b'mezzi ottiċi (id-dokument 9303, il-parti 2) jew dwar dokumenti ta' l-ivjaġġar li jistgħu jinqraw b'mezzi ottiċi (karti) (id-dokument 9303, il-parti 3). Il-permess ta' residenza forma ta' *sticker* jista' jinħareġ biss sa sentejn wara l-adozzjoni ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 9. Dan għandu jkollu dawn l-annotazzjonijiet li ġejjin:.....”

(2) Il-punt 16 ġdid li ġej huwa miżjud:

“16. L-Istati Membri jistgħu jinkorporaw fil-permess ta' residenza ċippa ta' kuntatt separata għall-użu nazzjonali li għandha tkun konformi ma' l-istandards ta' l-ISO u m'għandha tindaħal bl-ebda mod tindaħal maċ-ċippa RF.”

(3) Għandu jiddaħħal dan il-mudell li ġej:



(4) Ir-referenza “Permess ta’ residenza għal ċittadin ta’ pajjiż terz bħala tiketta li teħel” u l-mudell huma mħassra b’effett mid-data msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament.